*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,502, 20 ta' Ottubru, 2020*
*Taqsima C*

# Nru. 171

20. 10. 2020

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Ian Borg, M.P., Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-19 ta' Ottubru 2020.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta li jipprovdi sabiex il-funzjonijiet illi kienet teżerċita l-Aġenzija Malta Marittima jiġu trasferiti lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kap. 499.**

Raymond Scicluna
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Ian Borg, M.P., Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects, and read the First time at the Sitting of the 19th October 2020.

**AN ACT to amend the Authority for Transport in Malta Act to provide for the transfer of the functions exercised by the Malta Maritime Agency to the Authority for Transport in Malta, Cap. 499.**

Raymond Scicluna
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA’ LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta li jipprovdi sabiex il-funzjonijiet illi kienet teżerċita l-Aġenzija Malta Marittima jiġu trasferiti lill-Awtorità għat-Trasport f’Malta, Kap. 499.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 499.

**2.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-paragrafu (m) tiegħu, il-kelma "u" għandha tiġi mħassra;

(b) fil-paragrafu (n) tiegħu, il-kliem "kull liġi oħra." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kull liġi oħra; u"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (n) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(o) li toħloq u tippromwovi *clusters* marittimi fuq bażi settorali u l-kompetittività u t-tisħiħ tagħhom, li tippromwovi s-setturi lejn l-ekonomiji bbażati fuq l-innovazzjoni u l-proġetti li huma ambjentalment sostenibbli, li tipproponi politika marittima lill-Gvern u titjib infrastrutturali u tippromwovi l-għarfien kulturali marittimu kemm lokalment u kif ukoll permezz ta’

parteċipazzjoni kemm fil-fora tal-Unjoni Ewropea kif ukoll internazzjonali u tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi u n-negozji dwar il-*clusters* marittimi fuq bażi settorali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

**3.** Minnufih wara l-artikolu 38 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Applikabbilità.

"38A.Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 36 sa 38 għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għall-Aġenzija Malta Marittima.".

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta li jipprovdi sabiex il-funzjonijiet illi kienet teżerċita l-Aġenzija Malta Marittima jiġu trasferiti lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Authority for Transport in Malta Act to provide for the transfer of the functions exercised by the Malta Maritime Agency to the Authority for Transport in Malta, Cap. 499.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Authority for Transport in Malta (Amendment) Act, 2020, and this Act shall be read and construed as one with the Authority for Transport in Malta Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Short title.

Cap. 499.

**2.** Sub-article (1) of article 6 of the principal Act shall be amended as follows:

Amendment of article 6 of the principal Act.

(a) in the Maltese version immediately after paragraph (m) thereof, the word "u" shall be deleted;

(b) in paragraph (n) thereof, the words "any other laws." shall be substituted by the words "any other laws; and"; and

(c) immediately after paragraph (n) thereof, there shall be added the following new paragraph:

"(o) to create and promote maritime sectoral clusters and the competitiveness and strengthening thereof, to promote the sectors towards innovation based economies and environmentally sustainable projects, to propose to Government maritime policy and infrastructural improvements and promote the creation of maritime

cultural awareness both locally and through participation in European Union and international fora and encourage cooperation between educational institutions and businesses with regard to maritime sectoral clusters.".

Addition of a new article to the principal Act.

**3.** Immediately after article 38 of the principal Act, there shall be added the following new article:

"Applicability. 38A. The provisions of articles 36 to 38 shall also apply *mutatis mutandis* to Malta Marittima Agency.".

## Objects and Reasons

The objects and reasons of this Bill are to amend the Authority for Transport in Malta Act to provide for the transfer of the functions exercised by the Malta Maritime Agency to the Authority for Transport in Malta.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**